MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 453/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Schembri Infrastructures Ltd.C17388**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-Korporazzjoni fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija, hamsa u erbghin ewro u hames centezmu (€645.05), rapprezentanti danni kkagunati minnha f'taghmir tal-Korporazzjoni attrici nhar l-20 ta' Lulju, 2005 f'Mdina Rd, Zebbug.

Bl-ispejjes kompriz dawk tal-ittra ufficjali ta' l -20 ta' Gunju. 2006, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dan stante illi ghad-danni li allegatament soffriet il-Korporazzjoni hija ma kellha ebda htija.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' WPC 39 Sarah Fenech, li tikkonferma li kien sar rapport minn Raymond Gera, li kien Kap tal-Iskola St.Dorothy's, li waqt li s-socjeta' konvenuta kienet qed taghmel xi xogholijiet fl-inhawi, kienet laqtet xi *cables* tal-Korporazzjoni.

Tikkonferma li kien nizel fuq il-post Vince Cini, in rappresentanza tal-Korporazzjoni sabiex jikkonferma li kienu ntlaqtu xi cables minn taghhom.

Ra x-xhieda ta' Vince Cini, li kien jokkupa l-kariga ta' *foreman* mal-Korporazzjoni u kkonferma li kien fl-20 ta' Lulju, 2005 li kienu ntlaqtu xi *cables* tal-Korporazzjoni.

Ighid li kien nizel fuq il-post u hemm kien sab l-*iscarifie* li jigi ntuzat sabiex iqaxxar il-wicc tat-triq u fl-istess hin ibaxxi l-livell tat-triq. Waqt li kienu qed jippruvaw ibaxxu l-livell tat-triq kienu laqtu l-*cables*. Il-*cable* li intlaqa' kien dak li kien jissuplixxi l-iskola.

Skont Cini, l-*iscarifier* jintuza' mhux biss ghal wicc tat-triq, izda sabiex ibaxxi sa' liema livell wiehed jixtieq. Ma kienx jaf kemm kienu nizlu l-impjegati tas-socjeta' konvenuta f'dan il-kaz.

Ra x-xhieda ta' Stephen Mizzi, li jokkupa l-kariga ta' *joint and cable attendant* mal-Korporazzjoni. Kien ghamel l-immarkjar hdejn l-iskola ta' St.Dorothy's u jikkonferma li lill-kuntrattur Edward Schembri ta' Schembri Infrastructures, gia' maghrufa bhala General Road Services Ltd, kien spjegalu li meta jaslu madwar metru 'l boghod mill-marka kellu jieqaf juza' l-ingenji u minflok kellu jaqla' l-parti ta' fuq, u jkompli b'idejh sabiex jinstab il-*cable*.

Il-marki kienu saru bl-orangjo u kien jaf fejn huma peress li kienu isegwi pjanti jew addiritura jigi uzat *cable detector*.

Ra x-xhieda tal-Ispettur James Grech, li jikkonferma li kien ha r-rapport ta' l-incident in kwistjoni. Ma setax jiftakar jekk kienx tkellem direttament ma' Edward Schembri, li kien aktar maghruf bhala tal-'General," u ghalhekk seta' kien l-istess persuna li kien jikkontrolla General Road Services Limited.

Ra x-xhieda ta' Eric Montfort, li kkonferma li d-danni, konsistenti fil-materjal, kif ukoll il-mano d'opera, kien jammonta ghal sitt mija hamsa u erbghin Euro u centezmu (Eur. 645.01) u dawn id-danni jigu kkalkolati mill-impjegati tal-*accounts department*, li jahdmu flimkien mal-*foreman* li jkun niezel fuq il-post.

Ra x-xhieda ta' Raymond Gera, li kien jorganizza *summer school*, fl-iskola ta' St.Dorothy's f'Haz Zebbug.

Ighid li dakinhar ta' Lulju, 2005, kienu qed isiru xi xogholijiet ezatt quddiem ir-*roundabout* li tinstab ezatt faccata tal-iskola. Ma setax jidhol gol-iskola meta kellu jiftah u jistenna l-vannijiet. Il-haddiema li sa' fejn jiftakar kienu ta' xi hadd Schembri ma kkooperawx mieghu.

Ra x-xhieda ta' Edward Schembri, li huwa direttur tas-socjeta' konvenuta. Jikkonferma li kienu qed jahdmu hdejn l-iskola ta' St.Dorothy's f'Haz-Zebbug u dan kien ghal habta tas-sena 2005.

Ighid li r-rapprezentant tal-Korporazzjoni kien ghamel il-marki fuq il-post u li kienu qed jaghmlu kien li jnehhu l-ewwel 6 pulzieri tat-tarmac.

Peress li kienu ghadhom qed jahdmu 'l fuq ma kellux inkwiet li seta' kien hemm xi *cables*. Ma kienux ghadhom bdew jaqtghu t-trinek. Pero' laqtu *cable* tad-dawl, li kien jinstab sitt pulzieri taht it-tarmac, u mhux f'fond ta' zewg piedi u nofs, fejn generalment jinstabu dawn il-cables.

L-iscarifier jigi intuzat ghal ewwel erbgha sa’ sitt pulzieri li normalment jikkonsisti f’tarmac. Ighid li forsi l-aktar tkun tista’ tinzel iktar huwa l-aktar tlett pulzieri ohra. Kienu jinstabu bejn 2 sa’ 2.5 metri ‘l boghod min fejn kienu jinstabu l-marki ta’ l-Enemalta.

Anke meta jkunu vicin il-marki, ugwalment jitqaxxar it-tarmac sa’ sitt pulzieri u mbaghad ikun hemm *slabs* u sabiex jasal hdejhom jigi ntuzat mini-excavator.

Meta jaslu vicin l-is*labs*, tkun indikazzjoni li l-*cables* jinstabu vicin u ghalhekk jibda’ x-xoghol bl-idejn.

Ighid li ma kienux qedghin jaghmlu xoghol bl-idejn, ghaliex kienu ghadhom qed inehhu l-wicc tat-tarmac.

Ix-xhud jikkonferma li kien ghamel ir-rapport u li dakinhar kien hemm il-haddiema presenti ukoll, izda jghid li kien ikun hemm il-hin kollu.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Is-socjeta’ konvenuta kienet inkarigata biex taghmel xi xogholijiet f’Haz Zebbug, fl-inhawi ta’ fejn tinstab l-iskola ta’ St.Dorothy’s.

Fl-incident li sehh fl-20 ta’ Lulju, 2005, Edward Schembri, in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta jghid li kienu ghadhom qed inehhu l-ewwel sitt pulzieri tarmac u li ma kienux qed ihaffru trinek, izda biss ix-xogholijiet kienu qed isiru bl-uzu ta’ “scarifier.”

***“To scarify means to break up the surface of topsoil or pavement.[1] A scarifier is a type of surface preparation device used for tearing up pavement or surface soil with typical penetration between one to eight inches. – The Free Dictionary 2008-09-28.”***

Kemm ir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni, kif ukoll Schembri, lkoll ikkonfermaw li l-unici ingenji li nstabu fuq il-post kien “scarifier.”

Gie kkonfermat u fl-ebda stadju ma gie kkontestat mis-socjeta’ konvenuta li kienu saru l-marki. Pero’, il-konvenut jinsisti li meta kienu qed jahdmu kienu ghadhom ‘l boghod mill-marki.

Il-kontestazzjoni tidher li hija sa’ liema fond kienet nizlet is-socjeta’ attrici. Vince Cini jinsisti li “scarifier” jista’ jintuza’ mhux biss sabiex inehhi l-asphalt mill-wicc tat-triq, izda ukoll sabiex ibaxxi l-livell tat-triq. Minkejja li Cini jinsisti li t-triq kienet qed titbaxxa, ma gabx prova sa’ liema livell kienu nizlu.

Edward Schembri jinsisti li bl-i*scarifier*, l-aktar livell li wiehed seta’ jinzel kien ta’ disa’ pulzieri massimu.

Mill-provi jidher li kienu nizlu xi sitt pulzieri meta ntlaqtu l-*cables* tal-Korporazzjoni, li generalment ikunu f’fond ta’ zewg piedi u nofs (cioe’ 12 il-pulzier).

Edward Schembri, kien konsistenti fiz-xhieda tieghu, ghaliex indika l-livell fejn kienu qed jahdmu l-impjegati tas-socjeta’. Inoltre insista li kienu biss nehhew it-tarmac, u minkejja li kien mohhu mistrieh sabu l-*cables*, f’livell fejn generalment wiehed ma jimmaginax li ser isibhom.

In sostenn ta’ dan , il-Korporazzjoni naqset li tipprova fejn kienu jinsabu l-*cables*, anke jekk kemm il-darba isemmi li kellhom pjanti ta’ fejn kienu jinsabu l-*cables* u permezz taghhom jaghmlu l-marki. It-tesi taghhom hija wahda, li s-socjeta’ konvenuta kienet qed ibaxxi l-livell tat-triq u laqtet il-*cables* ghax kienet nizlet sal-livell fejn kienu jinsabu, meta kienu talbuhom jaghmlu x-xoghol bl-idejn meta jaslu hdejn l-“islabs.” Ciononostante, ma ssemmewx li kienu jidhru xi slabs.

It-Tribunal ihoss li l-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta hija wahda kredibbli u vicin l-interpretazzjoni ta’ x’inhu “scarifier” u precizament ghal x’hiex jintuza’. Lanqas ma

tigi ccarata l-posizzjoni fuq il-bazi tar-rapport li sar ghand il-pulizija. Fil-fatt it-Tribunal jikkonsidra li in vista tal-provi tas-socjeta' atrrici, il-provi tal-Korporazzjoni pjuttost jikkonfemawha aktar milli jikkontrodicu l-istess.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici u jikkonferma l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes kontra l-Korporazzjoni attrici.

**Av. Greta Mifsud Agius**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------